**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**
**Magistrat Dr. Francesco Depasquale LL.M., (IMLI), LL.D.**

**Illum l-Erbgha 23 ta' Marzu, 2016.**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Jeffrey Scicluna)**
**Vs**
**Khaled Ahmed Elfghi**

**Il-Qorti**,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Khaled Ahmed Elfghi**, ta' 45 sena, iben Ahmed u Salma xebba Getanesh, imwieled Tripli nhar it-3 ta' Novembru, 1971, residenti fuq il-Bastiment MV Shada u detentur tal-Passaport Libjan numru 760549;

Akkuzat talli nhar it-22 ta' Marzu, 2016 bejn is-saghtejn ta' filghodu (02:00 hrs) u l-erbgha ta' filghodu (04:00 hrs) abbord il-Bastiment bl-isem Shada, fil-Marsa u/jew f' inhawi ohra ta' dawn il-gzejjer:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew jqieghed l-hajja ta' Ali Mohamed Mohamed f' periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe` offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Ali Mohamed Mohamed permezz ta' arma li taqta` u bil-ponta u dan skond ma iccertifikatu Dr. Ramona Camilleri M.D. Reg. 5616 minn gewwa l-Isptar Mater Dei u dan bi ksur ta' l-Artikolu 217 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi garr ‘l barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta` jew bil-ponta ta` liema xorti jkun minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tal-Artiklu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat il-Ligi senjatament l-Artikolu 217 u 218 tal-Kapitolu 9 u l-Artiklu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-ammissjoni bikkrija ta’ l-akkuzat;

Semghet ix-xhieda tal-vittma Ali Mohammed Mohammed fejn gharraf lill-qorti illi hu kien qieghed jahfer lill-akkuzat u ma’ kellu ebda pretensjoni kontra tieghu.

Tosserva illi r-reat imputabbli lill-akkuzat huwa wiehed serju u gravi izda tosserva li l-vittma hafer lill-akkuzat u l-akkuzat ghandu fedina penali netta, filwaqt illi huwa bahri li jghix barra minn Malta.

Fic-cirkostanzi ssib lill-akkuzat hati ta’ l-akkuzi u bl-applikazzjoni ta` l-Art. 28 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, wara li gharrfet lill-akkuzat bil-piena u l-konsegwenzi taghha, illi huwa ddikjara li fehem, tikkundannah piena ta’ prigunerja ta’ tlett snin sospizi ghal erbgha snin.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Marisa Bugeja Dep. Reg.**